MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Numru 951/2005

PULIZIJA
SPT. ALEXANDER P. MIRUZZI
VS
DAMIAN GOUDER
CHARLES GIORDMAINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Damian Gouder, ta' 25 sena, bin Paul u Maria Xebba Schembri, imwieled Pieta' fil-31 ta' Marzu 1979 u residenti fil-prezenti Il-Bejta, Triq San Frangisk, Birzebbugia. Detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 265279(M) u Charles Giordmaina ta' 22 sena, iben Nicholas u Maria Dolores, Xebba Mifsud, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Mejju 1982 u residenti fil-prezenti 117, Paris Street, Zebbug. Detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 280282(M)

U akkuzati talli fil-5 ta' Jannar 2005 u jew fil-perijodu ta' qabel. F'din id-data, f'Malta, assocjaw irwiehhom ma' xi

persuna jew persuni, f'Malta, jew barra minn Malta, bil-ghan illi jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm mil-piena ta' prigunerija u li ma kienx delitt taht l-attwali stampa.

Akkuzati wkoll fuq talba ta' Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud tal-5 ta' Jannar 2005 jew fil-granet ta' qabel din id-data mal-wasla taghhom fil-Internazzjonali ta' Malta, xjentement bil-ko-operazzjoni ta' xulxin jew ta' individwu jew individwi ohra, naqqsu illi jiddikjaraw lill-ufficjal tad-dwana, kwantita' ta' glud, ta' l-ghasafar u l-annimali li l-importazzjoni taghhom hija projibitha jew ristretta.

Dawn ghandhom il-valur ta' Lm17,554 dazzju xejn illi fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm3,159.72c, liema taxxa ma gidx imhallsa u jew kawtolata u dana bil-ksur ta' l-Artiklu 60(A), (B), (C), (K); Artiklu 62 (A), (B), (C), (F), (G), (H), (I), (K). Dan l-ordinanza tad-dwana Kapitlu 37, kif ukoll ta' l-avviz legali 44/1982 u l-Artiklu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Valur Mizjud (Att numru XX111, tan-1998);

Akkuzati wkoll, fl-istess perijodu, fuq l-istess cirkustanzi, kellhom fil-pusess taghhom xi ghasafar, hajjien jew mejtin, jew parti minn xi ghasafar jekk ma jkunux xi ghasafar inkluzi fl-iskeda 1, 2, jew 3 li jinstabu mar-regolamenti tan-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fniek Selvaggi, Avviz Legali 126/93, kemm il-darba ma jipruvawx lil dawk l-ghasafar jew parti minnhom kien impurtat b'mod legittimu jew kienu imrobbiha fil-maqful jew li kien irregistrat mad-dipartiment skond il-paragrafu 5 tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti u tal-ksur u ta' l-Avviz Legali 146/193, Artiklu 12 sub inciz 1, kif sussegwentement emendati;

Akkuzati talli fl-istess perijodu fuq l-istess cirkustanzi, kien importaw jew garrej, jew kellhom fil-pussess taghhom xi ghasafar hajjien, jew mejtin, jew parti ta' ghasafar li mhumiex imsemmiha fl-Iskeda 1, 2 tar-regolamenti tan-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fniek Selvaggi, Avviz Legali 126/93, kemm il-darba ma ippruvawx lil dawk l-ghasafar jew parti minnhom kien impurtat b'mod

legittimu jew kienu imrobbiha fil-maghluq u dawn gew irregistrati fir-regolament u tal-ksur u ta’ l-abbuz legali 146/193, Artiklu 12 sub inciz 2, kif sussegwentemnt emendati.

Akkuzati talli fl-istess period, lok u cirkostanzi, kien importaw xi ghasafar hajjien, jew mejtin, jew parti minnhom meta ma humiex imrobiha fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw u huma protetti mill-pajjiz origini taghhom u l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz li kienu gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata udana bi ksur ta’ l-Avviz Legali 146/1993, Artiklu 12 sub inciz 3 kif sussegwentement emendat;

Akkuzati wkoll, fl-istess perijodu, fuq l-istess cirkustanzi, ftehmu jew ippruvaw, jew ghenu, jew hajru, jew taw parir jew tqabbdu lil xi persuni ohra sabiex jikksru d-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tan-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u tal-Fniek Selvaggi, jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluz xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ xi regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, koerizzjoni, jew htiega imputata minn dawn ir-regolamenti, jew bis-sahha taghhom u dana bi ksur ta’ l-Avviz Legali 146/1993, Artiklu 25, kif sussegwentement emendat;

Akkuzati talli fl-istess period, lok u cirkostanzi, importaw/esportaw mill-gdid xi ezemplari, ukoll jekk dan muwiex imsemmiha fl-Anness mar-Regolamenti Principali ta’ l-Avviz Legali 263 tat-2004 minghajr ma applikaw ma’ l-Awtorita’ Amministrattiva bil-miktub fuq formuli disponibili ghaldaqstant minn dik l-Awtorita’.

Akkuzati talli fl-istess periodu, lok u cirkostanzi, kellhom fil-pusess taghhom xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa’ taht l-Avviz Legali 236 tat-2004 u naqqsu illi jzommu fil-pussess taghhom u ghal zmien kollu illi dawk l-ezemplari kienu fil-pussess taghhom; kull permess certifikat b’licenzja illi jkollhom x’jaqsmu ma’ l-importazzjoni ta’ dawk l-ezemplari.

Il-prosekuzzjoni fuq talba tal-kontrollur tad-dwana talbet illi f'kaz ta' sejbiet ta' hdiena terz mill-piena tal-flus jitqies bhala dghin civili u li l-Qorti kompetenti, fl-ghotja tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lil Gvern u ghandu jigi ezegwit fl-istess Qorti illi tati s-sentenza b'tali mod bhallikieku tinghata s-sentenza azzjoni civila maghmula bejn il-Gvern lil hati. L-Artiklu 62 Kap.37.

Semghet bix-xhieda il-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti ta' l-atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali Dok.AN a fol.17 sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat il-kunsens ta' l-imputata a fol.18 ghall-istess ghan;

Semmiet l-ammisjoni ta' l-imputati a fol.181 ghall-akkuzi kif detotti kontra taghhom;

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u wara li rat l-Artikoli 60 (a), (b), (c) u (k); Artiklu 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i) u (k) u Artiklu 62 proviso (c) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 80 tal-Att tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Att XX111 tan-1998, Artiklu 12 (1) u 17 (5), 12 (2), 12 (3), Artiklu 25 ta' l-Avviz Legali 146/1993, l-Avviz Legali 236 tat-2004, tikkundanna lill-imputati jhallsu Lm1000 multa kull wiehed.

Din il-multa qed tinghata in vista ta skorta ta' sentenzi fuq listess materja in ezami fejn gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali illi ghal rigward ta' **piena** ma kinietx applikabbli l-Ligi tad-Dwana jew il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, (ara Artiklu 62 proviso (c) tal-Kap.37) izda kienet bl-Avviz

Legali 146/1993 12 sub inciz 2 u 25 sub inciz 3, kif emendat l-Avviz Legali 79/06. (ara Appell Kriminali per Onor Imhallef David Scicluna, fis-sentenza l-Pulizija vs France Camileri Et. Deciza fl-4 ta’ Mejju 2007, u Appell Kriminali per Onor Imhallef Joseph Galea Debono deciza fid-9 ta’ Awissu 2007 fis-sentenza l-Pulizija, l-Ispettur Miruzzi vs. Mario Ellul)

In oltre il-Qorti tordna is-sosspensjoni tal-licenzja u ta’ l-imputati ghal sena’ ghal terminu ta’ regolarment 25 (3) ta’ l-Avviz Legali 146/1993

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------